# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 204/2014**

Il-Pulizija

(Ass. Kummissarju Norbert Ciappara)

vs

**Richard Attard**

iben Joseph, imwieled Floriana, fl-4 ta’ April, 1953, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 284453(M)

Illum, 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Richard Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta’ Lulju, 2007, u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

A. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern,

skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu, skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi GN 292 ta' l-1939, kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

B. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kinx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A, u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292 ta' l-1939), L-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985, l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjoniijet li ghandhom x'jaqsmu maghha, il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Att V ta' l-1985, sabet lil Richard Attard hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali tieghu. Rat is-Social Inquiry Report u ikkunsidrat il-problemi li bihom kien afflitt l-imputat, anke l-progress li seta' fil-fatt ghamel sal-lum.

Rat ukoll il-problemi ta' sahha li jaffliggu lill-imputat. Ikkonsidrat anke li seta' ghandu hsibijiet ta' mewt *rinfacciando* piena karcerarja, pero jibqa' l-fatt illi r-reati li gie misjub hati taghhom, tassattivament igorru piena karcerarja. Ta' ghemilu l-imputat b'hekk ser ikollu jhallas!

Ikkonsidrat anke l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta – rat ghalhekk fir-rigward tal-piena, l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat ukoll dwar il-piena, l-eta’ tal-imputat, il-marda, kundizzjoni li taghha kien qieghed jircievi kura, b’dan pero li ma tistax ma tfakkarx il-hsara li l-pussess ta’ tali ammont ta’ droga ggib fuq is-socjeta’, u ikkundannatu ghalhekk ghal piena karcerarja ta’ sentejn u nofs (2½) u ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ hamest elef Euro (€5,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,541.83).

Ordnat wkoll illi d-droga kollha misjuba u mmarkata SB361.2007 tigi distrutta u kkomunikat is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Richard Attard ipprezentat fl-14 ta’ Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonfermha f’dik il-parti taghha fejn sabet l-esponent hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet tvarja u tirriforma l-stess sentenza f’dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta u dana billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccesiva u dana qed jigi umilment sottomess ghas-segwenti ragunijiet:

1) Illi ma hemmx dubbju li meta l-Qorti giet biex taghti l-piena hija ddikjarat li qed tiehu konjizzjoni tal-fedina penali tieghu, tas-Social Inquiry Report, l-problemi li bihom kien afflitt, il-progress li seta' ghamel u tal-fatt li l-esponent kien jibbenifika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101.

Illi pero’ jinghad bir-rispett illi dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx li kellhom xi piz partikolari f’dan il-kaz. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li f’dan il-kaz kien hemm lok li l-

Artikolu 29 tal-Kap 101 jigi applikat b'zewg gradi. L-ewwel Qorti ma tghid imkien b'kemm il-grad gie applikat l-Artikolu 29 fil-konfront tieghu. Tabilhaqq b'zieda ta' zewg gradi jkun ifisser li ghall-ewwel Qorti, nonostante l-konsiderazzjonijiet ta' progress, sahha, fedina penali u affarijiet simili, allura l-esponent jien jimmerita piena ta' hames snin. Certament fl-isfond ta' dak kollu sottomess mill-ewwel Qorti huwa indubitat li fil-komputazzjoni taghha fil-piena, l-ewwel Qorti ma' kellhiex f'mohha parametri fejn il-piena massima li kellha tigi nflitta kellha tkun ta' hames snin prigunerija. ( Artikolu 31(1) (b) (viii) ) li b'zieda ta' zewg gradi jaqa' fil-parametri ta' dak stipulat fl-Artikolu 31(1)(b) (vi) ).

Naturalment dana dejjem jekk l-ewwel Qorti tat lill-Artikolu 29 il-piz ta' tnaqqis ta' zewg gradi. Jekk le, allura l-piena li skont l-ewwel Qorti kien jimmerita l-esponent kienet ta' perjodu ta' inkarcerazzjoni ta' erbgha snin. ( Artikolu 31(1)(b)(vii) ).

Issa ma' hemm l-ebda kontestazzjoni u tabilhaqq ma' jista jkun hemm ebda kontestazzjoni li l-esponent jimmerita tnaqqis ta' zewg gradi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 tal-Kap 101. Harsa lejn il-proces-verbal redatt fit-termini ta' l-Artikolu 30A tal-Kap 101 jitkellem wahdu u ma jaghti lok ghal ebda konkluzzjoni ohra. Biss biss, anke l-ammont ta' persuni ndikati huwa fattur li, fl-umli fehema ta' l-esponent fih innifsu u wahdu iwassal ghal konkluzzjoni li l-esponent ghandu jinghata il-beneficju shih ta' dak kontemplat fl-Artikolu 29 imsemmi.

Tabilhaqq, anke jekk wiehed jabbracja l-linji gwida dwar l-iskop tal-piena stabbiliti fis-sentenza r-Republika ta' Malta vs Ivan Gatt deciza nhar l-1 ta' Dicembru, 1994 allura, tenut kont anke ta' dak li qalet l-ewwel Qorti, piena ta' hames snin pregunerija zgur li ma kinitx taghmel ghal dan il-kaz. Ghalhekk ukoll hemm lok ta' temperament fil-piena imposta fuq l-esponent.

2) Illi jinghad ukoll li f'dan il-kaz l-ewwel Qorti fl-ebda hin ma applikat l-Artikolu 17 tal-Kap 9. In effettiv f'dan il-kaz mis-sentenza appellata jirrizulta li l-esponent ma nghatax il-beneficju kontemplat fl-Artikolu 17 stante li l-Artikolu 17 mhuwiex indikat bhala wiehed mill-artikoli tal-ligi li qed jittiehdu in konsiderazzjoni mill l-ewwel Qorti fl-ikkalibrar tal-piena.

Illi tenut kont tal-imputazzjonijiet moghtija ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz dak despost fl-Artikolu 17(b) tal-Kap 9 kien japplika u ghalhekk ukoll dana l-istat ta' fatt neccessarjament ghandu jgib mieghu temperament fil-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hi wahda harxa. L-appellant jaghmel referenza ghar-rikors tal-appell tieghu fejn ta r-ragunijiet tieghu ghaliex l-ewwel Qorti kienet eccessiva fl-erogazzjoni tal-piena.

Illi min-naha l-ohra l-Avukat Generali hu tal-fehma li la darba l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi wahda fil-parametri tal-ligi, isegwi li l-piena hi wahda giusta u ekwa.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha ta' dan l-appell kif tkun tista' tifforma ideja aktar cara tal-argumenti mressqa mill-partijiet.

Illi ma hemm ebda dubju li l-Avukat Generali ghandu ragun meta jsostni li l-piena erogata hi fil-parametri tal-ligi.

Illi din il-Qorti fliet l-argumenti tal-ewwel Qorti fis-sentenza taghha dwar il-piena.

Illi ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti ma ndikatx fl-liema parametri applikat l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ser jigi mfisser iktar 'l isfel din il-Qorti ser tapplika r-riduzzjoni skont dan l-artikolu fil-massimu ta' zewg gradi. Dan qed jinghad minhabba l-fatt li meta wiehed jaqra l-istqarrija guramentata tal-appellant jirrizulta li hemm hemel mhux biss ta'

persuni msemmija izda l-ftuh ta' linji akbar ta' investigazzjoni li jistghu jwasslu lill-pulizija biex ikissru certa tip ta' kriminalita' fil-kamp tad-droga. Punt iehor li ma giex valutat mill-ewwel Qorti hu l-fatt li l-appellant qabel l-istqarrija tieghu kien qed ighin b'mod konkret lill-pulizija.

Illi punt iehor li din il-Qorti ghamlet il-valutazzjoni taghha hu s-segwenti. Dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fl-14 ta' Lulju, 2007 - hdax il-sena ilu. Dak iz-zmien l-appellant kien jabbuza mid-droga minhabba l-pletora ta' problemi li hu kellhu li ma hemmx il-htiegja li jerga jigu ripetuti. Illum, l-appellant hu f'kondizzjoni li ma ghandha xejn x'taqsam mal-passat u qed ighix hajja regolari ghalkemm l-ezitu ta' dan l-appell hu fuq mohhu. Kwindi din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt ukoll. Il-fedina penali ezebita fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2016 hi xhieda ta' dan li qed jinghad.

Illi hu car li l-appellant ghandu jinghata 'a window of opportunity' kif gie rilevat f'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. George Farrugia' deciza fit-18 ta' Jannar, 2001.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena erogata ghandha tigi riformata.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena erogata u minflok tikkundanna lil Richard Attard ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000). Tikkonferma li l-appellant ghandu jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf hames mija u wiehed u erbghin euro u tliet u tmenin centesimu (€1,541.83).